# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Rik Nru: 256/22**
**Deċiża: 16 ta' Ġunju 2023**

**Giovanna Bonnici (ID 1036946M)**

**vs**

**Philip Mercieca (ID 793145M) u Rose sive Rosina Mercieca (ID 28745M) u Awtorità tad-Djar (bhala Amicus Curiæ)**

**Illum, it-18 ta' Diċembru 2023**

Din hija deċiżjoni dwar ir-rikors tar-rikorrenti datat 11 ta' Ottubru 2023 tramite liema, a tenur tal-artikolu 825(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Bord intalab jagħmel korrezzjoni fil-kalkolu magħmul fil-parti deċisorja tas-sentenza.

Ra d-digriet tiegħu tat-12 ta' Ottubru 2023.

Ra r-risposta tal-intimati Mercieca datata 30 ta' Ottubru 2023, fejn huma ħallew fid-diskrezzjoni tal-Bord, iżda kkonfermaw li l-ħlas qiegħed isir fir-rikors kif mitlub. Din ir-risposta ġiet a konjizzjoni tal-Bord f'dawn l-aħħar jiem.

Ra li l-Awtorità tad-Djar ma ħejjiet l-ebda tweġiba.

Ra l-atti proċesswali kollha.

Illi huwa ċar li dak li seħħ kien sempliċi *lapsus* bil-fatt li, kif solitament jinkiteb, intesew il-kliem "fix-xahar", wara l-figura (€566.66ċ) fil-parti deċisorja tas-sentenza.

Illi madanakollu, iqis lit-talba hija tajba u qiegħda tiġi milqugħa għaliex hekk kif ġiet miktuba s-sentenza huwa ċar li l-ammont ta' kera għandu jirdoppja (għaliex il-ħlas, kif miktub isir kull xahrejn). Ir-*ratio* tad-deċiżjoni ukoll jirrifletti dak mitlub.

Għaldaqstant il-Bord jilqa' t-talba tar-rikorrenti fis-sens li *id-decide* sħiħ jiġi jaqra hekk:

1) Jilqá l-ewwel talba u jiddikjara u jiddeċiedi li l-intimati Philip Mercieca u Rose *sive* Rosina Merieca huma l-inkwilini tar-rikorrenti tal-fond mertu ta' dawn il-proċeduri ai terimini tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendat bl-Att XXIV tas-sena 2021.
2) Jastjeni milli jqis aktar it-tieni talba.
3) Jilqá t-tielet talba u għalhekk jirrevedi l-kera pagabbli mill-intimati versu r-rikorrenti tal-fond mertu ta' dawn il-proċeduri għall-ammont sitt elef u tminn mitt Ewro (€6,800) fis-sena, u ċioé fl-ammont ta' elf, mija u tlieta u

tletin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€1,133.33ċ), pagabbli kull xahrejn bil-quddiem u dan mid-data ta' din is-sentenza.

4) Jiċħad ir-raba' talba.
5) Jiċħad l-eċċezzjonijiet sa fejn inkompatibbli ma dak hawn deċiż.

L-ispejjeż tar-rikorrenti u tal-Awtoritá tad-Djar jitħallsu mir-rikorrenti. L-ispejjeż tal-intimati inkwilini jitħallsu mill-istess intimati.

Jordna li din id-deċiżjoni tiġi mqiegħda immedjatament fuq is-sit elettroniku tal-Qorti.

Jordna li din id-deċiżjoni tiġi komunikata direttament lill-avukati rispettivi anke permezz ta' posta elettronika.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur